# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 84**

**Citaz. Nru. 273/93GV**

Doc. 107-01

**Crocefisso Borg**

**vs**

**George Grima**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi f'Jannar, 1990, l-attur ordna minghand il-konvenut sett balavostri u poggaman ghal-uza mat-tarag fid-dar tieghu gewwa triq l-Ispartani l-Hamrun, u dan bil-prezz miftiehem ta' Lm550, li Lm200 minnhom thallsu bhala depositu mal-ordni;

Premess illi dan ix-xoghol kellu jkun lest sa Awissu ta' dik l-istess sena, pero, l-balavostri u l-poggaman gew konsenjati lill-attur u mqieghda fid-dar tieghu f'Marzu tal-1991; ix-xoghol ta' tqieghed u illustrar sar kollu mill-konvenut u/jew l-impjegati tieghu;

Premess illi mal-konsenja sar il-hlas tal-bilanc ta' Lm350 li kien fadal x'jithallas;

Premess illi ftit xhur wara li l-balavostri u l-poggaman tpoggew f'posthom, bdew johorgu tbajja fil-balavostri li baqghu jizdiedu maz-zmien;

Premess illi, ghalhekk, jirrizulta car li l-konvenut ma ghamilx ix-xoghol rikjest

minnu skond l-arti u s-sengha, u mitlub jirrimedja ghal-dan in-nuqqas wieghed kemm il-darba li kien sejjer jirranga ghad-difetti, izda baqa' ma ghamel xejn;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti;

1) Tiddikjara li x-xoghol fuq il-balavostri u/jew it-tqieghed u l-illustrar taghhom fil-fond tal-attur *"Darling Companion"*, fi triq l-Ispartani, Hamrun, ma sarx skond l-arti u s-sengha minhabba nuqqas ta' attenzjoni u diligenza da parti tal-istess konvenut jew ta' nies imqabda minnu;

2) Tiddikjara lil konvenut responsabbli ghan-nuqqasijiet u difetti li hemm fil-balavostri, kif *del resto* accetta l-istess konvenut;

3) Tikkundanna lil konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalu din il-Qorti jirrimedja ghall-istess nuqqasijiet u difetti, anke billi, *occorrendo*, jissostitwixxi l-istess balavostri b'ohrajn mahduma, mpoggija u illustrati skond l-arti u s-sengha, u, in difett,

4) l-attur ikun minn issa stess awtorizzat jghamel ix-xogholijiet mehtiega hu a spejjes tal-konvenut - f'kull kaz, *occorrendo*, taht id-direzzjoni ta' perit tekniku li ghandu jigi mahtur ghal-dan il-ghan.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Jannar, 1993, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija insostenibbli skond il-LIgi Maltija.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1431(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16), u, fi kwalunkwe kaz, ukoll a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, u dwar il-mertu, ix-xoghol ezegwit mill-esponent sar skond l-arti u s-sengha, u d-difetti allegati mill-attur fil-balavostri msemmija ma humiex imputabbli lill-esponent.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 85;

Rat id-digriet a fol. 98 li bih gie nominat il-perit Renato Arcidiacono;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit;

Rat in-nomina ta’ periti addizzjonali a fol. 132;

Rat ir-relazzjoni taghhom a fol. 150;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-Avukati difensuri;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li x-xoghol fuq il-balavostri u/jew

it-tqieghed u l-illustrar taghhom fil-fond ta' l-attur "Darling Companion", fi Triq l-Ispartani, Hamrun, ma sarx skond is-sengha u l-arti minhabba nuqqas ta' attenzjoni u diligenza da parti tal-istess konvenut jew ta' nies imqabda minnu; tiddikjarah responsabbli ghan nuqqasijiet u difetti li hemm fil-balavostri, kif *del resto* accetta l-istess konvenut; jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalu din il-Qorti jirrimedja ghall-istess nuqqasijiet u difetti, anke billi, *occorrendo* jissostitwixxi l-istess balavostri b'ohrajn mahduma, impoggijja u llustrati skond l-arti u s-sengha u li ndifett l-attur ikun awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet mehtiega hu a spejjez tal-konvenut, f'kull kaz, *occorrendo* taht id-direzzjoni ta' perit tekniku li ghandu jigi mahtur ghal dan il-ghan.

**ECCEZZJONIJIET**

L-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut kienu gew michuda bl-ispejjez kontra tieghu b'sentenza tat-28 ta' Frar, 1994 a fol. 85 (ara pagna 97).

Li baqa' hija t-tielet eccezzjoni li hija fuq il-mertu u cioe' li x-xoghol ezegwit mill-eccipjent sar skond is-sengha u l-arti u d-difetti allegati mill-attur m'humiex imputabbli lilu.

**ESPERTI**

Minhabba n-natura teknika tal-kontestazzjoni l-Qorti kienet innominat lill perit Renato Arcidiacono (ara fol. 98) bil-fakoltajiet soliti. Dan kien ipprezenta r-rapport tieghu a fol. 109 fejn hu kien ikkonkluda li fil-fehma tieghu fit tieni parti tax-xoghol, cioe' fl-illustrar tal-balavostri ma gietx osservata s-sengha rikjesta u b'hekk ir-risultat ottenut huwa dak li hemm fir-ritratti Dok A1 sa A4. Meta gie kontroezaminat hu qal li l-lostratur ma kienx halla l-pasta bizzejjed biex tinxef sew u d-difett ma kienx gej mill-umdita'.

Il-konvenut ma kienx sodisfatt b'din il-konkluzzjoni u fuq talba tieghu gew nominati periti addizzjonali (ara fol. 132). Dawn ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom a fol. 150 fejn ikkonkludew li t-tbajja kienu fil-balavostri bl-injam tat-tip "Sipo" li hija kewba Afrikana. Id-difetti fil-balavostri hu rizultat tat-tip ta' njam uzat. Dan it-tip ta' kewba ghandhu "skerzi". Fil-perjodu meta nhadmu dawn il-balavostri kien hawn skarsezza ta' kewba tal-qisien ta' 4"x4" u "5"x5" u b'rizultat li giet impurtata kwantita' ta' kewba Afrikana simili ghal dik uzata. Dan id-difett ta' tbajja ma kienx vizibbili waqt ix-xiri u l-manifattura tal-kewba u l-konvenut kien in *bona fede* meta hadem u wahhal ix-xoghol fid-dar ta' l-attur. B'dana kollu ma jfissirx li l-attur ghandu jaccetta kompletament dan ix-xoghol b'dawn it-tbajja. Huma ssuggerew li jintlahaq ftehim bejn il-partijiet sabiex isir tentativ biex dawn it-tbajja jigu eliminati. Dan peress li llum ghadda zmien minn fuq dawn it-tbajja u cioe' lahqu nixfu. L-ispiza biex jittranga dan ix-xoghol hija ta' Lm200.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jissottometti li hu kkuntratta mal-konvenut biss, u dana kellu jipprovdi l-*mano d'opera* u l-materjal. Kien l-obbligu tal-konvenut li jara li l-materjal li akkwista kien tajjeb ghax-xoghol li gie inkarigat iwettaq. Il-konvenut kellu jaghzel injam tajjeb.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed jissottometti li skond il-periti addizzjonali d-difetti ma kienux vizibbili u kien hemm "skerz" fil-materjali li uza. Din ma kienitx xi haga naturali jew regolari. Ghalhekk hu ma kellu ebda tort u li gara kien rizultat ta' forza magguri jew accident. Hu ma kienx jaf u lanqas setgha kien jaf li l-injam kien difettuz.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Min jintraprendi xoghol li fih jaghti mhux biss ix-xoghol jew s-sengha tieghu imma jiffornixxi anke l-materjal dan ghandu jirrispondi anke tal-bonta' tal-materjal li minnu jaghmel uzu, imma r-responsabilta' tieghu f'dan

ir-rigward certament ma tipprexindix mid-debita indagini ta' htija, li mhiex presunta imma jehtiegilha tigi pruvata u li hija esklusa sew meta d-difett ikun dovut ghal forza magguri kemm meta jirrizultaw mehuda l-prekawzjonijiet soliti u adoperati d-diligenza ordinarja biex tigi assikurata l-bonta' tal-materjal, App Kum C.Borg vs J.Mifsud 7/10/80.

Fil-kaz in ezami l-Qorti trid tezamina jekk il-konvenut hax il-prekawzjonijiet soliti u adoperax id-diligenza ordinarja biex tigi assikurata l-bonta' tal-materjal. Fil-kaz li ha dawn il-prekawzjonijiet, imbaghad trid tara jekk kienx kaz ta' forza magguri.

Il-konvenut xehed li hu m'ghamel xejn hazin. Hu pero' kellu jassikura li jixtri u jikkonsenja materjal tajjeb. Il-Periti nnotaw li fiz-zmien li nhadmu l-balavostri kien hawn skarsezza ta' kewba tal-qisien ta' 4"x4" u "5"x5" u b'rizultat giet impurtata kwantita' ta' kewba Afrikana u din it-tip ta' kewba kellha "skerzi".

Minn ezami akkurat tax-xiehda u provi prodotta l-Qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut naqas li jipprova li hu ghamel minn kollox biex jixtri kewba tajba. Il-konvenut ma semmiex minghand minn xtara din il-kewba u lanqas min taha l-lostru u dana biex jigi verifikat li kollox sar skond is-sengha u l-arti. Inoltre hu qatt ma ressaq dawn il-persuni ghand l-attur biex jezaminaw id-difetti li kien qed jilmenta minnhom l-attur, ghalkemm dan kien qed jinsisti mieghu diversi drabi biex dawn imorru jaraw id-difetti. Ir-ragunijiet li gab il-konvenut il ghala dawn ma marrux huma biss skuzi.

L-attur kien intitolat li jinghata materjal tajjeb ghax hu flus tajba tah lill-konvenut. Il-fatt li kien hemm nuqqasijiet fil-materjal provdut lill konvenut minn terzi m'ghandux ibatih l-attur imma dan il-konvenut ghandu jarah ma' dawn it-terzi, u kif qalu l-periti l-attur m'ghandux jaccetta x-xoghol b'dawn it-tbajja.

In vista ta' din il-konkluzzjoni m'hemmx skop li jigi indagat jekk kienx il-kaz ta' forza magguri.

Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut naqas milli jipprova li hu ha l-prekawzjonijiet soliti u adopera d-diligenza ordinarja fl-ghazla tal-injam li hu ghamel uzu minnhu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara li x-xoghol fuq il-balavostri u/jew it-tqeghied u l-illustrar taghhom fil-fond ta' l-attur "Darling Companion", fi Triq l-Ispartani, Hamrun, ma sarx skond is-sengha u l-arti;

tiddikjarah responsabbli ghan-nuqqasijiet u difetti li hemm fil-balavostri;

tikkundannah sabiex fi zmien xahar improrogabbli millum jirrimedja ghall-istess nuqqasijiet u difetti senjatament billi jnehhi t-tbajja li hemm fil-balavostri;

li ndifett l-attur hu awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet mehtiega hu a spejjez tal-konvenut, liema xogholijiet ta' riparazzjoni m'ghandhomx jeccedu l-Lm200 u taht id-direzzjoni tal perit Gaston Mifsud li qed  jigi mahtur ghal dan il-ghan.

bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**